QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS, 23 TA'MEJJU, 2002.

APPELL NRU. 167/2001 JGD

IL-PULIZIJA

(SPETTUR NEVILLE AQUILINA).

VS.

BRIAN CARUANA.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Jannar, 1997 u fl-ahhar tlitt xhur qabel din id-data, ,

1. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-art. 8 (a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu ;

2. u aktar talli fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew parti minnha bi ksur tal-art. 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu ;

3. u talli fl-istess zmien zamm ghandu fil-fond Morning Star , Nigret Road, Rabat, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, arma tan-nar u munizzjon bi ksur tal-art. 3(1) tal-Kap.66 (Ordinanza dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta' Malta, u ukoll talli meta gie fil-pussess ta'arma tan-nar jew munizzjon xort' ohra milli bl-licenzja , naqas li jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-art. 9(1) tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta , bit-talba lill-Qorti sabiex ,barra milli tapplika l-piena skond il-ligi , tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-espert skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Settembru, 2001, li biha sabet lill-imputat appellant hati skond l-akkuzi ghat-tenur tar-regolament 8 (GN 292/.39) , l-art. 8 (a) (d) u 22 (2) (b) (I) tal-Kap.101 u l-Artikoli 3(1) u 9(1) tal-Kap.66 , u ikkundannatu komplessivament , wara li rat l-art.17 tal-Kap.9, ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien hmistax (15) il-xahar u hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u ikkundanntu ukoll ihallas is-somma ta' disa u hamsin lira Maltin (LM59) spejjez tad-dokument MM a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap.9. Inoltre ordnat il-konfiska tas-senter u skratac esebiti u ordnat id-distruzzjoni tad-droga kollha esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li gie nominat espert ghal dan l-iskop.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu prezentat fid-19 ta' Settembru, 2001 fejn talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabitu hati ta' pussess ta' droga (pussess semplici) u ta' pussess illegali ta' arma tan-nar , izda tirrevokha in kwantu ghall-kwalifika li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u konsegwentement tibdilha dwar il-piena li ghandha tirrifletti pussess semplici , u f'kaz li din il-Qorti ma tilqax dan l-appell, tirriforma is-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi nflitta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma illi ma irrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga ma kienetx ghall-uzu personali tieghu , bhal ma huma s-sejba ta' qratas vojta jew flus li komunement jitqiesu bhala indikazzjoni ta' involviment fl-ispacc ; li id-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ammont ta' droga kien wiehed sostanzjali u li din kienet cirkostanza li turi li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellant ma kienetx korretta u in sostenn ta' dan iccita brani minn sentenzi ta' dawn il-Qrati ; li l-prova tal-kwalifika tal-pussess kellha ssir mil-Prosekuzzjoni u f'dal -kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel dan; Illi anki jekk l-appellant fil-versjoni tieghu ma kienx kredibbli , dan ma kellux iwassal lill-ewwel Qorti biex din tkun moralment konvinta minghajr ebda dubju ragonevoli li hu kellu id-droga biex jittraffikha; Illi is-sejbin ta' htija mill-ewwel Qorti kienet "unsafe and unsatisfactory" ; u f'kull kaz il-piena inflitta hija eccessiva fic-cirkostanzi u ghandu jkun hemm temperament qawwi fil-piena nflitta mill-ewwel Qorti .

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu, 2002 li biha giet esebita fedina penali aggornata tal-appellant u li biha l-Prosekuzzjoni indikat il-parametri tal-ligi ghar-rigward tal-piena applikabbli ghall-akkuzi li taghhom l-appellant instab hati .

Rat in-nota tal-appellant tal-20 ta' Marzu, 2002 li biha l-appellant indika da parti tieghu il-parametri tal-ligi applikabbli ghall-piena ;

Fliet bir-reqqa l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza tal-appellant u tal-Prosekuzzjoni ;

Ikkunsidrat .

Illi bhala linea di massima din il-Qorti ma tasalx biex tiddisturba id-diskrezzjoni u l-gudizzju tal-ewwel Qorti dwar htija bazata fuq il-provi li jkunu ingabru quddiemha u li jinsabu traskritti sakemm ma jkunx jidher li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti ma tkunx wahda "unsafe and unsatisfactory" , fis-sens li dik il-Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha qatt ma tkun setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Issa fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt li bih waslet biex ikkonkludiet li il-mod kif il-kwantita' sostanzjali ta' droga (kif jaccetta li kienet anki l-Avukat difensur) kienet maqsuma f'boroz tal-plastic u f'hames kaxxi tas-sulfarini , apparti dik misjuba go container tal-plastic li kien nofsu mimli , f'vazett tal-hgieg u f'bicca foil li fiha kien hemm blokka tar-resina tal-cannabis , kien indikattiv li id-droga ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant. L-ewwel Qorti qieset ukoll il-kwantita' tad-droga misjuba u cioe' 109.5053 grammi ta' weraq u frak tal-cannabis sativa imhallat ma ammont ta' zerriegha tal-istess cannabis sativa , kif ukoll ir-resina tal-cannabis sativa f'ammont nett ta' 1.2364 grammi. L-ewwel Qorti qieset ukoll bhala indikattiv li din id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu il-fatt li skond l-istess appellant hu kien jikkonsma il-cannabis okkazjonalment "wiehed kulltant" u ghalhekk ma kellux ghalfejn ikun fornut b'din il-kwantita' kollha ta'cannabis ,ladarba hu ma kienx vizzjat u dipendenti fuq id-droga. Umbaghad oltre dawn il-konsiderazzjonijiet li jidhru li huma validi , l-ewwel Qorti ukoll irriteniet li l-imputat ma kienx wiehed affiddabbli ghax il-versjoni li ta dwar il-provenjenza tal-istess droga ma kienetx wahda konsistenti u ghalhekk ma setghetx taccetta il-versjoni tal-appellant li din id-droga kienet ghall-uzu personali tieghu.

Illi wiehed milll-aggravji tal-appellant hu li il-fatt li l-appellant deher inaffiddabbli ghall-ewwel Qorti ma kellhiex tkun prova li id-droga li kellu l-appellant ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu . Din is-sottomissjoni kienet tkun sa certu punt korretta kieku l-ewwel Qorti ibbazat biss il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-innattendibilita' tal-versjonijiet differenti u improbabbli moghtija mill-appellant . Imma "in all fairness" ghall-ewwel Qorti , l-argument tal-inattendibilita' ma ingabx fil-kuntest ta' prova mill-ewwel Qorti imma fil-kuntest li wassal lill-Qorti biex tiskarta id-diversi spjegazzjonijiet li ta' ghall-akkwist tad-droga u dana b'mod li giet imminata il-kredibilita' tieghu meta sostna li id-droga kienet ghall-uzu tieghu personali. L-ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant hu hati ghax ma kienetx qed temmnu . Qalet invece li

hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghall-konkluzzjoni li id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu u li ic-cahda ta' dan mill-appellant ma kienetx attendibbli u ergo ma kienetx qed tatiha il-piz li xtaq li tinghatha l-appellant bhala prova. Dan hu argument divers minn dak kif interpretat mill-appellant fl-aggravji tieghu fir-rikors tal-appell . Anki hawn din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-ragunament tal-ewwel Qorti .

Dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant , din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" u fuq dan l-apprezzament ta' fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti.

Illi fattur kurjuz u ta' certa rilevanza umbaghad johrog mill-istess stqarrija tal-appellant fejn jghid li gieli marru nies ghandu sabiex jitolbuh id-droga , izda skond hu qatt ma kien ta ll hadd. Kieku kien veru li hu sab id-droga in kwistjoni b'xi wahda miz-zewg modi solitarji u b'kumbinazzjoni li jghid li sabha u kien biss kulltant jaghmel uzu minnha wahdu , wiehed legittimament jistaqsi : kif griet il-kelma u kienu sahansitra jmorru in-nies ghand l-appellant u jitolbuh id-droga ? Minn dan il-fatt ammess mill-istess appellant jidher li hu kien maghruf fic-cerkji tad-droga bhala wiehed li ghandu il-mezzi kif jista' jissodisfa il-bzonn ta' persuni ohrajn ghall-istess droga u din hija indikazzjoni ohra li setghet legittimament u logikament twassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni minnha raggunta .

Indikazzjoni cirkostanzjali ohra hija l-mizien elevat mir-residenza tal-appellant . Wiehed jistaqsi : jekk hu minnu li l-appellant kull ma kien jaghmel bid-droga li suppost sab , kien li jpejjep xi wiehed kulltant , xi bzonn kellu li jkollu mizien jekk mhux biex ikejjel u jqis il-piz ta' partiti tad-droga li kien ser jghaddi jew li kien jghaddi lil terzi ? Biex irembel cigarrett ghalih wahdu , ma kellux bzonn mizien , ghax anki jekk irembel ftit inqas jew ftit aktar minn daqshekk droga li kellu , ma kien ser jigri xejn . Wiehed ukoll jistaqsi jekk l-appellant kien juza id-drpga wahdu xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha ghall-lest go kaxxi ta' sulfarini , b'mod li hu risaput kif din id-droga tghaddi minn id ghall-ohra ?

Illi l-insenjament li ghalih ghamel riferenza l-appellant fis-sentenzi citati fir-rikors tieghu , ghandhu indubbjament il-portata tieghu , izda kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi . Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli .

Kif sewwa semma l-appellant fir-rikors tieghu :-

> "...assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However , should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done , then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (R.v.Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery - Blackstone's Criminal Practice (1991) p.1392) .

F'dal kaz din il-Qorti ma ghandhiex dan id-dubju li saret ingustizzja mall-appellant bil-konkluzzjoni ta' htija raggunta mill-ewwel Qorti u din il-Qorti thoss li, fuq il-fatti li irrizultawlha ,l-ewwel Qorti,din setghet

tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li id-droga li instabet fil-pussess tal-appellant instabet f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu kif mahsub fl-art. 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101.

Ghalhekk din il-Qorti mhux qed tilqa' l-appell fil-mertu .

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, il-piena karcerarja u l-multa inflitti mill-ewwel Qorti hija perfettament entro il-parametri preskritti mill-ligi fl-artikolu fuq citat kif anki jaqbel l-appellant fin-nota tieghu tal-20 ta' Marzu, 2002 . Illi l-ewwel Qorti qieset il-kondotta precedenti tal-appellant , il-gravita' tal-kaz u l-fatt li l-appellant ma ikkooperax mall-Pulizija, fatt li kieku rrizulta ,seta' jintitolah ghal certa mitigazzjoni fil-piena skond l-art. 29 tal-Kap.101. L-ewwel Qorti qieset ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer nominat minnha u xorta wahda hasset li kellha tinfliggi piena karcerarja ta'hmistax il-xahar prigunerija u l-multa. Din il-Qorti tosserva li jekk xejn il-piena inflitta hi ferm aktar vicin il-minimu ta' sitt xhur prigunerija minn dak tal-massimu tal-piena ta' ghaxar snin applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni wahedha , bla applikazzjoni ta' konkors tar-reati . Lanqas ma jirrizulta li din il-piena hija manifestament spropozjonata ghall-kaz u mehuda in konsiderazzjoni sentenzi ohra ghall-reati simili moghtija mill-ewwel Qorti u konfermati minn din il-Qorti .Illi umbaghad idejn l-ewwel Qorti u anki idejn din il-Qorti huma marbuta bid-dispozizzjoni tal-artikolu 22 (9) tal-Kap.101 li ma jaghamilhiex possibbli li l-Qorti taghti piena taht il-minimu jew piena ta' sentenza sospiza fil-kaz ta' htija ghall-ewwel reat u l-piena karcerarja hija mandatorja . Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghaliex ghandha timmodifika il-piena inflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

(ft) Joseph G. Galea Debono.
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
23.05.02.